Minuti tal-Laqgħa Nru. 38 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 27 ta' Mejju 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila LL.D<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Agent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Noel Cini |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Korsijiet tal-Kompjuter u Skolasajf
6. Jum Ħal-Luqa – Post Mortem
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Peress li ma kienx hemm emendi, il-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku u ssekondati mill-Kunsillier Massa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana irrefera għal paragrafu 2.4 tal-minuti tal-laqgħa tat-28 ta' April fejn kien talab kopja ta' ittra legali li kienet intbagħtet lill-Kunsillier Piscopo u qal li għad m' għandux kopja ta' din l-ittra.

2.2 L-istess Kunisllier Caruana qal ukoll li kien ilu għal dawn l-aħħar gimgħat jitlob ukoll lis-eks segretarju eżekuttiv Michael Borg, rendikont tal-petty cash tal-Kunsill. Il-Kunsillier qal li jrid kopja wkoll taċ-ċekkijiet li saru għar-rigward tal-petty cash matul din l-aħħar sena, minħabba li dawn kienu ammonti akbar milli tippermetti l-liġi. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill għandu jitlob li ssir investigazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mill-pulizija minħabba l-fatt li dawn qatt ma' tniżżlu fix-schedule of payments li jkunu approvati mill-Kunsill.

2.3 Intervjena s-Sindku u qal li peress li l-Kunisllier Caruana qajjem dubju dwar il-kondotta tal-eks segretarju eżekuttiv, Michael Borg, u li għall-ewwel darba stqarr illi minkejja li kien ilu għal dawn l-aħħar ġimgħat jitlob rendikont tal-petty cash, u li l-eks segretarju baqa' jgħaddieh biż-żmien, huwa kien ser jinforma lid-Dipartiment dwar dan i-każ. Is-Sindku għamilha ċara li peress li l-infieq kien ikun wieħed minuri, kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku dejjem ħallew l-utilizzar tal-petty cash f' idejn l-istess segretarju. Zied jgħid li huma kienu responsabbli biss f' dawk il-ħlasijiet li jinġiebu fil-laqgħat għall-approvazzjoni tal-istess Kunsill. Hawn is-Sindku ippreżenta dikjarazzjoni ffirmata minnu u mill-Viċi Sindku, liema dikjarazzjoni nqrat u ġiet immarkata bħala Dok A u annessa ma' dawn il-minuti.

2.4 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk il-Kunsill kienx jaf li dan għandu wkoll is-servizz tal-internet banking u tad-direct debit, u li jekk le għandu jitlob ukoll investigazzjoni.

2.5 Hawn il-Kunsillier Caruana irrimarka li l-investigazzjoni għanda tkopri dawn l-aħħar għaxar snin u mhux l-aħħar sena biss. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

2.6 Il-Kunsillier Caruana irrefera wkoll għal xi flus li ngħataw lill-ħaddiema tal-Kunsill u qal li għalkemm dawn kienu ġew approvati mill-Kunsill qed jistaqsi jekk din l-azzjoni kienitx skond il-liġi jew le.

2.7 Is-Sindku qal li dwar il-500 ewro li kienu ngħataw lill-ħaddiema tal-Kunsill, il-Kunsill kien iffranka ħafna flus bix-xogħol li għamlu dawn il-ħaddiema u li ġaladarba l-Kunsill qabel dwar dan, ma kienx hemm għalfejn li nirrikorru lejn id-Dipartiment, għax- id-deċiżoni tal-kunsill kienet finali.

2.8 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk biex inxtara il-van kienitx saret sejħa pubblika għall-offerti jew jekk kienux intalbu stimi. Staqsa wkoll jekk il-van kienx inġieb.

2.9 Dwar ix-xiri tal-vann u jekk kienux inġiebu stimi, is-Sindku stqarr illi l-istimi kienu nġiebu mill-Kunisllier Crauana stess u li minkejja li l-vannijiet kienu second hand, il-prezzijiet kienu ferm għola mill-prezz tal-vann li għandna llum, u li l-Kunsill kien qabel dwarhu.

2.10 Is-Sindku qal li minħabba li dawn il-flus kienu ser jinħarġu ftit ftit ma kienx hemm il-bżonn li jinħarġu tenders. Dwar il-van is-Sindku qal li għalkemm il-van kien mixtri kien għadu ma nħariġx minħabba li l-Kunsill kien għandu qed jistenna l-insurance. Is-Sindku talab lill-Kunisllier Caruana sabiex jekk irid ikun huwa nkarigat mill-van.

2.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-eks segretarju eżekuttiv kien qed jitlob madwar € 2,200.00 bħala ħlas għal xi overtime li qed jgħid li għamel meta huwa suppost kien bil-vacation leave fil-jiem qabel ma rtira mill-impjieg tiegħu. Is-Sindku qal li kienet intalbet direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan, u l-Kunsill kien ġie nfurmat li segretarju eżekuttiv ma kienx intitolat għal ħlas ta' overtime. Hawn kompla jgħid li din ir-risposta ġiet komunikata lis-Sur Borg permezz ta' ittra datata 6 ta' Mejju 2010 iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2.12 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa kien irċeva ittra personali mingħand is-Sur Borg dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku qal li s-Sur Borg messu bagħat il-korrispondenza lill-Kunisll u mhux lil xi kunsillier fuq bażi personali.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku għadda għas-suġġett li kien imiss fuq l-aġenda - dak tal-korrispndenza.

a) Ittra mis-St Vincent de Paul Running Group dwar talba għal xi sponsorship għal attivita` li dawn ser jorganizzaw fit-2 ta' Ottubru 2010. Minħabba l-emendi li saru fil-liġi dan l-aħħar, il-Kunsill qabel li ma jagħtix sponsorship għal din l-attivita` u li l-Kunsill għandu jinfurmahom b' din id-deċiżjoni.

b) Ittra mill-Fondazzjoni Zararti dwar kummidja li dawn qed joffru li jagħmlu waqt xi attivita` li jorganizza l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li minħabba li m' għandux attivitajiet fil-futur qarib għandu jinfurmahom li mhux interessat.

c) Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Group Health Policy tal-Kunsill, offruta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet għalqet fl-aħħar ta' April u staqsa jekk il-Kunsill kienx interessat li jġedded din il-polza. Il-ħlas kien ta' 55.00€ għal kull persuna assikurata. Wara li saret diskussjoni qasira dwar dan ġie deċiż li din tiġi mġedda. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab ukoll sabiex jibgħat kopja tal-benefiċċji dwar din il-polza lill-Kunsillieri u lill-impjegati tal-Kunsill.

d) Il-Kunsill kien irċeva stedina sabiex jattendi għall-Konferenza Annwali tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita` nhar il-Gimgħa, 4 ta' Gunju 2010 fil-lukanda The Palace, Tas-Sliema. Il-Kunsill staqsa lill-Kunisllier nkarigata jekk kienitx interessata li tattendi. Il-Kunsillier Massa qalet li ser tagħti risposta aktar tard jekk setgħetx tmur din il-laqgħa.

e) Gew iċċirkolati għall-attenzjoni tal-Kunsillieri preżenti numru ta' applikazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-MEPA li jirrigwardaw il-lokalita` ta' Ħal-Luqa.

f) Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunisll għal memos 89/2009 u 26/2010 dwar l-allowance li ser tingħata lill-kunsillieri, b' mod partikolari għall-proċedura li għandha tiġi wżata meta kunsillier jitlob li jiġi skużat milli jattendi s-seduta.

## 4.0 KORSIJIET TAL-KOMPJUTER U SKOLASAJF

4.1 Is-Sindku nforma li kienet saret laqgħa mad-diriġenti tat-TCTC dwar il-korsijiet li dawn kienu qed joffru għat-tfal għal matul is-sajf Hu qal li dawn kienu ser jiġu nklużi fl-attivitajiet ta' Skolasajf. Hawn l-Aġent Segretraju Eżekuttiv ta aktar dettalji dwar dawn il-korsijiet u dwar il-ħlas ta' € 1,100.00 li kien qed jintalab li jħallas il-Kunsill u dwar il-ħlas ta' € 10.00 li kienu ser iħallsu l-parteċipanti. Is-Sindku talab li l-informazzjoni għandha tingħata lill-Kunisllier Piscopo li kien inkarigat minn dawn il-korsijiet.

4.2 Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja il-Kunsill qabel li dawn il-korsijiet isiru kif propost.

## 5.0 JUM ĦAL-LUQA – POST MARTEM

5.1 Wara li saret diskussjoni dwar din l-attivita` sar suġġeriment mill-Kunisllier Caruana dwar il-possibilta` li s-sotto kumitat li jorganizza dawn l-attivitajiet jitkabbar. Saret diskussjoni wkoll dwar il-possibilta` li t-tema tal-gwerra issa tinbidel. Il-Kunsillier Caruana qal li l-Kunsill għandu jagħmel rendikont tal-infieq li sar biex ġiet organizzata din l-attivita`.

5.2 Il-Kunsill qabel li għandu jsir rendikont dettaljat anke għall-fatt li l-Kunsill issa kien jeħtieġ li jagħmel talba formali lis-Segretarjat Parlamentari nkarigat mill-Kunsilli Lokali sabiex dawn jgħaddu l-€ 5,000.00 imwiegħda bħala għajnuna għal din l-attivita` taħt l-iskema ta' attivitajiet kulturali.

## 6.0 MOZZJONIJIET

6.1 Is-Sindku qara l-mozzjoni preżetata mill-Kunsillier Caruana u sekondata mill-Kunsillier Psaila fl-aħħar seduta tal-Kunsill u wara stieden lill-proponent – lill-Kunsillier Caruana sabiex jidba d-diskussjoni dwar din il-mozzjoni. (Mozzjoni annessa mmarkata Dok B)

6.2 Il-Kunsillier Caruana beda billi staqsa lill-Kunsill x' kien li qed iżommu sabiex dan jagħmel ċertu xogħlijiet u proġetti sabiex dawn jitlestew matul is-sentejn li fadallu dan i-Kunsill. Huwa qal li x-xogħol għandu jidba b' mod immedjat.

6.3 Il-Kunsillier Psaila qal li l-iskop wara din il-mozzjoni hu li lin-nies intuhom pjan ta' ħidma li l-Kunsill kien bi ħsiebu jagħmel f' dawn is-sentejn li fadal.

6.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali kien obbligat bil-liġi li jagħmel pjan ta' ħidma u li dan kien sar u ġie approvat mill-Kunsill fil-laqgħa tal-4 ta' Frar 2010. Qal li x-xogħlijiet indikati f' dan il-pjan għadhom ma jistgħux jinbdew minħabba li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għadhom ma ħarġux il-permessi meħtieġa.

6.5 Il-Kunsillier Caruana talab għal kopja tal-korrispondenza li għandu l-Kunsill mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Is-Sindku nkariga lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddi din il-korrispondenza kif qed jintalab.

6.6 Is-Sindku qal li minħabba li l-mozzjoni kienet qed tirreferi għal pjan ta' ħidma u li dan kien ġie approvat b'vot unanimu fil-laqgħa li nżammet fl-4 ta' Frar 2010, qed jipproponi li din il-mozzjoni kellha tiġi rtirata anke għall-fatt li din tmur kontra l-istess standing orders peress li qed tkun repetuta.

6.7 Il-Viċi Sindku rrefera għall-mozzjoni u qal li ma kienx aċċettabbli li niġu waqt laqgħa tal-kunsill u nippuntaw subgħajna lejn is-Sindku u ngħidu li moħħu biex ifaddal biss, u li kull ma għamel kien ftit xogħol fuq toroq u bankini. Qal li s-Sindku min-naħa tiegħu għamel ix-xogħol kollu sabiex il-Pjan ta' Ħidma li kien ġie approvat b' vot unanimu fil-laqgħa tal-4 ta' Frar 2010 jkun jista' jiġi implimentat. Qal li kien min-naħa tal-gvern ċentrali li dawn il-permessi kienu għadhom ma ġewx approvati. Qal ukoll li bħala kunisllieri, llum dawn messhom ressqu mozzjoni fejn iħeġġu lill-gvern sabiex ilesti dawk l-erba' toroq li x-xogħol tagħhom kellu jintemm fl-aħħar tas-sena mill-ADT u li sa llum kien għadu ma sarx. L-Viċi Sidku qal li hekk kienet titlob is-serjeta` jekk verament ridna l-ġid tar-raħal tagħna.

6.8 Is-Sindku qal li qed jikkundanna bil-qawwa kollha din il-mozzjoni minħabba l-fatt li din hija waħda partiġġjana għall-aħħar, u dan minħabba li kemm l-estimi finanzjarji kif ukoll il-pjan ta' ħidma kienu ġew approvati mill-Kunsill u għalhekk qed jitlob li din il-mozzjoni tiġi rtirata.

6.9 Il-Kunsillier Caruana qal li wara li jara l-korrispondenza tal-WSC ikun f' pożizzjoni li jiddeċedi jekk jirtirax il-mozzjoni jew le. Qal ukoll li qed jitlob rendikont tat-tulijiet ta' bankina li għamel il-Kunisll.

6.10 Għalhekk il-Kunsill għadda għal vot dwar il-mozzjoni fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunisllieri Piscopo, Camilleri u Massa ivvutaw kontra l-mozzjoni filwaqt li l-Kunsillieri Caruana u Psaila ivvutaw favur – għalhekk il-mozzjoni m' għadditx

6.11 Is-Sindku qara l-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Piscopo, u wara talab għal sekondant. Il-Viċi Sindku qal li kien qed jissekonda din il-mozzjoni (kopja tal-mozzjoni annessa u mmarkata bħala Dok C).

6.12 Il-Kunsillier Piscopo qal li din il-U-bar hija meħtieġa sabiex tinħoloq fetħa mnejn ikunu jistgħu jgħaddu n-nies, sabiex jiġi evitat il-periklu u fl-istess ħin ikun hemm aċċess dejjem għall-garaxxijiet li hemm.

6.13 Is-Sindku qal li jista` jinħoloq xi periklu minħabba li din ser tkun viċini fejn jinżlu n-nies mill-karrozzi tal-linja - biss minħabba li jidher li l-Kunsill kollu kien qed jaqbel fil-prinċipju qed jissuġġerixxi li niktbu lit-Trasport Malta sabiex ningħataw il-permess meħtieġ sabiex issir din il-U-Bar. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**

7.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda għall-approvazzjoni liema skeda ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku u approvata minn dawk preżenti għajr il-Kunsillieri Caruana u Psaila.

7.2 Is-Sindku talab ukoll għall-approvazzjoni ta' dawn l-invoices sabiex jinħarġilhom il-ħlas dovut.

- Zewg kontijiet mingħand Agius Photo Studio dwar video tal-attivitajiet konnessi ma' Jum Ħal-Luqa, li jammontaw għal € 306.00 u € 177.00

- Kont mingħand il-Malta Command WW2 Living History Group – dwar provvedument ta' 8 atturi u ammunizzjoni b' konnessjoni wkoll mal-attivita` Luqa at War 2010.

- Stima dwar xogħol mingħand Mario Mallia dwar provvista u twaħħil ta' railings u bollard fil-playing field f' Misraħ iż-Zgħażagħ u fi Triq Giovanni Bonavia li jammonta għal € 200.60

7.3 Il-Kunsill approva dawn il-ħlasijiet.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku fis-7.30 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa. Data tal-laqgħa li jmiss kellha tiġi komunikata lill-kunsillieri aktar 'il quddiem.

Konfermati llum 24 ta' Ġunju 2010.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| John Schembri | Noel Cini |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Illum, 27 ta' Mejju 2010

Aħna, John Schembri u Joe Scicluna, Sindku u Viċi Sindku rispettivament tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa, li l-firma tagħna hija hawn taħt miktuba, nixtiequ niddikjaraw il-fatti segwenti:

Essenzjalment, nixtiequ ngħmluha ċara li ebda wiehed minna ma kellu xi sehem fil-mod kif ġew utiliżżati l-flus li ntefqu bħala *petty cash* mill-eks-Segretarju Michael Borg. L-utilizzar tal-*petty cash* kien dejjem f'idejn l-istess segretarju. Aħna konna raġonevolment nippretendu li, ladarba huwa persuna matura u l-impjieg tiegħu ġie approvat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Borg kien marbut li jaġixxi b'integrita' u jfittex il-ġid tal-Kunsill fil-qadi ta' dmirijietu. Hawnhekk qed issir referenza għas-subartikolu 1 ta' l-artikolu 52 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali li jipprovdi li "is-Segretarju Eżekuttiv ikun il-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill".

Mill-kliem tal-liġi jidher ċar li sabiex jassigra li l-finanzi jiġu ġestiti b'mod imparzjali, il-leġizlatur iħalli f'idejn is-segretarji tal-Kunsilli r-responsabbilta' għall-infiq minuri. Għar-rigward ta' spejjez oħrajn ta' natura akbar, aħna niddikjaraw li tali infieq dejjem inġieb quddiem il-kunsill fil-laqgħat ta' kull xahar u li kull schedule of payment li inħarġet għall-ħlas ġiet mgħoddija biss bl-approvazzjoni ta' l-istess kunsill.

Aħna derilna li - kemm għax mhux aġir prattiku u kif ukoll għax hija r-responsabbilita' tas-segretarju li jamministra l-*petty cash* – ma kienx ikun għaqli min-naħa tagħna li noqgħodu ninterpellawh dwar kull infiq li kien isir minnu. Meta ġieli staqsejnih dwar id-disponibilta' tal-konteġġi li jirrigwardaw il-*petty cash*, Borg kien dejjem jassikurana li dawn kienu faċilmet disponibbli u li kull kunsillier seta' jew jitlob u jingħata kopa minnu stess jew inkella joħrog kopja direttament għalih permezz tas-software tas-SAGE. Aħna min-naħa tagħna dejjem konna u għadna nħeġġu lil kull kunsillier sabiex jekk jidħol kwalunkwe dubju dwar l-infiq mill-*petty cash* huwa ma jeżitax u dlonk jitlob rendikont mis-segretarju. Nafu li fil-fatt dan ġieli seħħ.

Barra minn hekk nistqarru li l-awdituri li kull sena skond il-liġi jwettqu l-verifiki meħtieġa qatt ma rraportawlna dwar l-eżistenza ta' xi irregolaritajiet ta' natura gravi fil-konijiet tal-kunsill, u kien għalhekk li aħna qatt ma tlabna li ssir investigazzjoni mill-awtoritajiet konċernati.

Oltre għal dan, nixtiequ nirrivelaw li meta s-Sur Borg kien jiġi mistoqsi minn xi kunsillier dwar il-*petty cash*, huwa kien dejjem jassikura lil kulħadd li l-ammonti ta' *petty cash* minfuqa mill-kunsill ta' Ħal Luqa huma fost l-iżgħar minn fost il-kunsilli lokali kollha.

Għaldaqstant aħna qegħdin niddiżassoċjaw ruħna kompletament minn kull utilizazzjoni tal-*petty cash* li jista' b'xi mod jirrizulta li saret bi ksur tal-liġi u tar-regoli li jiggvernaw it-tmexxija tal-kunsilli lokali u, filwaqt li nikkundannaw bil-qawwa kollha kull aġir simili nawguraw li ssir gustizzja ma kull min jabbuża minn fondi pubbliċi.

John Schembri — Joe Scicluna

Sindku, Kunsill Lokali Luqa Viċi Sindku

28/04/2010

Mozzjoni

Bħala Kunsilliera f'isem il-Partit Nazzjonalista f'Ħal-Luqa, aħna Victor Caruana u Frank Psaila, qegħdin nitolbu lis-Sindku s-Sur John Schembri u l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa biex b'mod immedjat jibda jaħdem fuq pjan iddettaljat li juri kif il-Kunsill Lokali għandu jagħmel l-aħjar użu, b'mod għaqli, mill-flus li l-istess Kunsill Lokali ġie mogħti mill-Gvern Ċentrali biex jitnefqu għall-bżonnijiet tal-komunita' ta' Ħal-Luqa u li se issa s-Sindku kull ma ddeċieda li jagħmel hu li jfaddal dawn il-flus. Fil-fehma tagħna Kunsilliera li qegħdin nipproponu din il-mozzjoni, aħna nixtiequ li l-Kunsill jiddeċidi immedjatament kif dawn l-400,000 ewro jkunu użati sabiex isir xogħol tant meħtieġ għall-ġid tar-residenti ta' Ħal-Luqa, speċjalment dak li għandu x'jaqsam xogħol ta' toroq ġodda u rranġar ta' bankini.

Aħna nemnu wkoll li r-residenti ta' Ħal-Luqa jkunu megħjuna jgħixu ħajja aħjar jekk il-Kunsill jagħraf jagħmel l-aħjar użu minn dawn l-400,000 ewro, għaliex l-għaqal m'hux li nfaddlu 'l flus iżda li nagħrfu nużawhom għall-ġid tar-residenti.

Għalhekk bħala Kunsilliera f'din il-lokalita' ta' Ħal Luqa qegħdin nitolbu li fl-inqas żmien possibbli bħala Kunsill niddeċiedu fuq il-pjan ta' ħidma ta' xogħol li jrid isir u li jista' jsir, u hekk bħala Kunsill nkunu nistgħu niftaħru li 'l flus li faddalna b'għaqal qegħdin nużawhom b'għaqal iktar.

Victor Caruana
Proponent

Frank Psaila
Sekondant

MOZZJONI

Il-Kunsillier Joseph Picopo qed jipproponi li ssir *saftey bar* fi Triq il-Ġdida – fil-parti ta' bejn Triq il-Ġdida u Triq Ħal Tarxien. Din *is-safety bar* qed tintalab minħabba raġunijiet ta' sigurta' għal dawk ir-residenti li jogħdu f'din il-parti tat-triq.

Joseph Piscopo 17 ta' Mejju 2010
Kunsillier